Dipartiment tal-Kunsilli Lokali
Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

# KONFERENZA NAZZJONALI

## KUNSILLI LOKALI
## 5 SNIN TA' SERVIZZ

*Oracle Hall, New Dolmen Hotel*

*21 ta' Novembru 1998*

---

*Paper* imressqa mis-

Sur Frederick Cutajar (Sindku ta' Santa Lucija)

Suġġett: Kordinament u koperazzjoni mal-Ministri, Dipartimenti u Korpi Statali.

Iltqajna llum f'din il-Konferenza Nazzjonali bil-għan li nfakkru il-ħames snin mit-twaqqif tal-Gvern Lokali. U f'okkazzjonijiet bħal dawn wieħed ġeneralment jitħajjar, kif jixraq, li jsemmi s-suċċessi li jkun għamel jew kiseb matul iż-żmien ta' l-eżistenza tiegħu.

Kien tassew għaqli min kien responsabbli mill-organizzazjoni ta' din il-Konferenza, li jlaqa' llum, hawnhekk flimkien, mhux biss lis-Sindki, Kunsillieri u Segretarji tal-Kunsilli, iżda wkoll lill-ogħla awtoritajiet fosthom l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni, Ministri u Deputati Parlamentari u Kapijiet ta' Dipartimenti Governativi.

Qed ngħid dan għaliex, mit-temi mfassla fil-programm ta' din il-Laqgħa, wieħed jifhem li l-iskop ewlieni ta' l-okkażjoni tal-lum huwa prinċipalment, mhux biss li naraw fejn morna tajjeb, imma wkoll li, b'analiżi serja, niflu d-djufijiet tagħna; nindikaw il-problemi jew l-intoppi li fixluna u xekkluna; nipproponu soluzzjonijiet għal dawn il-problemi; u nfasslu toroq ġodda li għandna LKOLL nieħdu fil-ġejjieni sabiex tabilħaqq naslu li jkollna REALMENT GVERN LOKALI.

Soċjologi jgħidu li l-ewwel ħames snin ta' kull esperjenza - u tal-ħajja tal-bniedem fiha nfisha - huma l-aktar iebsa u l-bażi tal-kumplament tal-eżistenza ta' dik l-esperjenza partikolari. Dan, fil-fehma tiegħi, japplika wkoll għall-Kunsilli Lokali.

Matul dawn il-ħames snin, kienu bosta dawk id-diffikultajiet u l-problemi li ħabbatna wiċċna magħhom. Kemm mill-esperjenza personali, iżda wkoll inħoss li nkun qed nesprimi l-opinjoni ta' sħabi li nistqarr, illi **l-kordinament u l-koperazzjoni mal-Ministeri, Dipartimenti u Korpi Statali** huma l-fattur l-aktar komuni li wieħed jassoċja mal-maġġoranza ta' dawn il-problemi. Dan huwa fattur ewlieni li jħoll u jorbot il-futur u l-istess eżistenza tal-Kunsilli Lokali.

X'aktarx li, l-ewwel rejazzjoni ta' ħafna minn sħabi hawn preżenti llum tkun li, la koperazzjoni u wisq anqas kordinament ma kienu minn ta' quddiem fl-aġenda tal-Ministeri, Dipartiment u Korpi Statali. Dan jidher mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali, iżda wkoll fir-rigward ta' kordinament bejn l-istess dipartimenti u korpi statali, kif ser nispjega aktar 'il quddiem.

Biss, wieħed ma jistax jitfa' lil kulħadd f'keff waħda. Dan għaliex hemm min jilqek u jisimek (għalkemm mhux bilfors li jkun qed jaqbel miegħek) u oħrajn li dejjem jagħmlulek ħajtek diffiċli, saħansitra anki biex jagħtuk appuntament jew ikellmuk personalment fuq telefon.

Sfortunatament dan jiġri l-aktar, jew minħabba l-istrutturi burokratiċi, jew ukoll minħabba l-mentalità ta' uħud li għadhom iqisu lill-Kunsilli Lokali bħala xi kumitat ta' każin (mingħajr ma nnaqqas xejn mill-mertu ta' dawn). Tabilħaqq nirrikonoxxi hawnhekk, il-ħidma u l-isforzi li qed jagħmlu sabiex ibidlu din is-sitwazzjoni, kemm l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Kulleġġ tas-Sindki, kif ukoll l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji tal-Kunsilli Lokali.

Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll l-għajnuna u l-koperazzjoni li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali joffri lill-Kunsilli Lokali, u li dejjem tahom sa mit-twaqqif tagħhom. Dan id-Dipartiment kien strumentali fil-ħolqien tal-Kunsilli Lokali f'Malta u jibqa utli għall-appoġġ, id-direzzjoni u l-pariri siewja tiegħu.

Fin-nuqqas ta' l-għarfien li jixraq lejn l-awtorità ta' gvern lokali, d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadu jservi tal-mezz ewlieni li jwassal leħen il-Kunsilli Lokali fl-istrutturi riġidi tas-servizz pubbliku. Qed jiġri iżda li kultant, l-uffiċċju amministrativ tal-Kunsilli Lokali ikun ikkunsidrat daqs li kieku xi estenzjoni ta' xi dipartiment jew korporazzjoni. Jingħataw ukoll direttivi li mhux dejjem isiru fl-aħjar spirtu ta' kordinazzjoni li hu mistenni mill-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, għandu jkun assigurat illi l-identità awtonoma ta' Gvern Lokali tkun imħarsa u rikonoxxuta aktar, filwaqt li l-Kunsilli Lokali jiġu kkonsultati mill-ewwel u jsir kordinament magħhom f'kull stadju, u qabel ma joħorġu xi direttivi li b'xi mod jolqtu l-operat tagħhom.

L-Att Numru XV ta' l-1993, f'Taqsima IV mhux biss jelenka il-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, iżda wkoll jagħmel enfasi fuq l-obligu li l-Kunsill ikun ikkonsultat fuq materji li jikkonċernaw lilu; kif ukoll, li jagħmel rakkomandazzjonijiet u anki li jagħti pariri lill-awtorità kkonċernata. Iżda hawn nistaqsi, kemm fil-verità qed isir dan?

Fejn tidħol il-konsultazzjoni nistgħu ngħidu li spiss qed jiġri li l-Kunsill ikun biss infurmat. L-Awtorità ta' l-Ippjanar tibgħat l-avviżi ta' l-applikazzjonijiet ta' l-iżvilupp lil kull Kunsill. Il-Kunsill jista' jikteb lill-Awtorità dwar l-applikazzjoni li tikkonċerna lilu; ħafna drabi fi żmien ristrettissimu u hemm dubju kemm fil-fatt jingħata konsiderazzjoni serja. Jekk irid li jattendi għall-laqgħa, il-Kunsill jenħtieġ li jitlob permess biex jagħmel hekk bħala parti mill-pubbliku, iżda jrid joqgħod mutu. Ta' min jistaqsi wkoll, għaliex fuq l-Awtorità ta' l-Ippjanar ma hemmx rappreżentant tal-Kunsilli Lokali? Dan li qed ngħid japplika wkoll fil-każ ta' bosta organizzazzjonijiet statali.

Meta nsemmi l-korpi statali, l-ewwel li tiġi f'rasi hi l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. F'dan il-każ, mhux biss ma ssirx konsultazzjoni, iżda la hemm koperazzjoni u wisq anqas kordinament. Tirraporta *leakage* ta' l-ilma lill-uffiċċju tad-distrett u jgħidulek biex "iċċempel lill-*customer service* għax dik hija l-*policy*". Meta jiġu jiċċekjaw il-*leakage*, jiżbgħu kullimkien b'ittri kbar bi *spray* aħmar biex jindikaw fejn hemm il-*mains*.

Possibbli m'hawnx xi sistema oħra aktar diċenti kif timmarka fejn hemm il-*main*? Iżda żgur li l-akbar problema hija rigward il-kwalità ta' *reinstatement* li jsir minn din il-Korporazzjoni. Ma jsir l-ebda kordinament mal-Kunsill sabiex ix-xogħol isir bl-anqas ħsara possibbli, filwaqt li jippretendu li trinka fuq bankina bl-*imprint concrete* titqatta' bl-addoċċ u jgħattuha bil-*cold asphalt*. Dan mhux biss kwistjoni ta' min ser iħallas iżda li x-xogħol isir skond l-ispeċifikazjzonijiet u l-i*standards* aċċettati.

Fi żmien l-Amministrazzjoni preċedenti, il-Ministeru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni kien waqqaf Taqsima bl-iskop li tassigura li jsir kordinament tax-xogħol mal-Kunsilli Lokali mid-dipartimenti u l-korpi l-oħra flimkien. Dan kien pass posittiv u meħtieġ sabiex ix-xogħol tal-kunsilli jiġi ppjanat aħjar u bl-anqas ħela ta' risorsi possibbli. Madankollu l-proċess biex jibda x-xogħol mill-Kunsill kien qed jitwal iżżejjed minħabba li ċerti korporazzjonijiet idumu ix-xhur sabiex iwieġbu lill-kunsill, jew sabiex jibdew il-parti tax-xogħol tagħhom. Jirriżulta wkoll, illi f'ċerti każi l-awtoritajiet involuti jagħtu informazzjoni mhux korretta; u li l-anqas isir kordinament bejniethom.

Insemmi biss bħala eżempju, każ partikolari li iżda żgur hu komuni għal ħafna kunsilli. Wara li saru l-kuntatti u l-ispezzjonijiet meħtieġa, il-*Co-ordination Unit* tat l-approvazzjoni tagħha biex isir kisi bit-tarmak fi triq partikolari. Xi xahar wara li sar ir-*resurfacing* tat-triq mill-Kunsill, id-Dipartiment tad-Drenaġġ talab biex jagħmel *connection* fis-sistema tad-drenaġġ fl-istess triq. Irriżulta wkoll li d-Dipartiment qatt ma kellu pjanti tas-sistema f'din it-triq, u li l-linji tat-telefon kienu għaddejjin eżatt minn fuq il-pajpijiet tal-*main* tad-drenaġġ.

F'każ ieħor, kien biss wara li l-Kunsill insista mad-Dipartiment tad-Drenaġġ sabiex jsir *survey* bis-C.C.T.V. fi triq oħra, fejn ġie kkonfermat mir-rapport li *main* għandu bżonn jinbidel minħabba ħsarat kbar fis-sistema. Kieku din l-insistenza ma saretx, it-triq kienet ser tinkesa bit-tarmak, bil-kordinazzjoni b'kollox u bil-konsegwenzi kollha ta' wara.

Nista' nibqa' nsemmi każ wara l-ieħor, iżda min huwa responabbli jaf kif qed isiru l-affarijiet. Il-koperazzjoni u l-kordinament jenħtieġ li jsiru minn kullħadd; mill-kbir sa ż-żgħir. Id f'id jenħtieġ li nikkordinaw kull biċċa xogħol.

Aħna, s-Sindki u l-Kunsillieri m'aħniex *full-time* fil-Kunsill. Ilkoll kemm aħna nies volontarji, iżda għax eletti mill-poplu qed nagħtu sehemna lejn pajjiżna kif jitlob minna. Fin-nuqqas tal-preżenza tagħna, il-kapijiet u l-mexxejja tad-dipartimenti u l-korporazzjonijiet għandhom jaraw li dak li jkun miftiehem bejn il-Kunsill u l-entità li jmexxu, jiġi attwat.

Inutli niġu hawn u noqogħdu nitkellmu u nagħmlu teoriji ta' kif għandu jsir ix-xogħol, u kemm għandu jkun hemm koperazzjoni jew kordinament bejnietna; hekk imbagħad noħorġu minn hawn u jintesa kollox.

Fuq kollox, hija r-responsabbiltà tal-politiċi li jaraw, li dak li jgħaddi fil-Parlament qed jiġi attwat fir-realtà. Jekk hemm min qed jopponi u ma jaqbilx mal-mod kif suppost isiru l-affarijiet, allura m'hemmx alternattiva ħlief li jinbidel. Jekk hemm miktub li għandhom isiru konsultazzjonijiet mal-Kunsilli, dawn għandhom isiru tabilħaqq u mhux issir taf li saru l-affarijiet mill-gazzetti jew minn sorsi oħrajn. Kull ma jkun qiegħed isir fil-lokal jew ikkonċernat miegħu, għandu jkun jaf bih il-Kunsill.

Nista' niggarantilkom li kull Kunsillier elett huwa dispost li jikkopera u jikkordina x-xogħol ma' kullħadd fl-interess tal-lokalità u xejn aktar.

Min-naħa tagħna, tgħallimna bl-esperjenza, nibnu relazzjonijiet kordjali li permezz tagħhom irnexxilna niksbu koperazzjoni - x'aktarx fuq bażi personali u ndividwali - li, iżda tawna l-frott.

Qed jiġri madankollu, li ma kull bidla fl-amministrazzjoni jew saħansitra ċaqliq tan-nies f'tali organizzazjoni, ikun meħtieġ li nerġgħu nibnu relazzjonijiet ġodda.

Barra minhekk, jeżistu strutturi legali u regolamenti jew *policies* dipartimentali li min-natura tagħhom jostakolaw jew saħansitra jimpedixxu li jsir il-kordinament jew il-koperazzjoni mixtieqa bejn il-kunsilli u l-organizzajonijiet ikkonċernati. Minn żmien għal żmien, jinbtu direttivi li jkunu f'konflitt mal-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali jew mal-operat tagħhom. Mhux il-kompitu tiegħi li nidħol fl-aspetti legali. Madankollu nixtieq nagħmel xi kummenti dwar dan sabiex infiħem aħjar xi rrid ngħid:

- Mhux aċċettabbli li *bye-laws* ta' Kunsill tiġi approvata mill-Ministru, imressqa quddiem il-Parlament u ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern; iżda ma tkunx tista' tiġi operata mill-Kunsill minħabba proċeduri burokratiċi.

- Mhux aċċettabbli l-anqas li Kunsill jasal fi ftehim fuq *sponsorhsip* li jsarraf fi proġett ta' madwar Lm 10,000 fil-lokal, imbagħad jiġi mwaqqaf mid-Dipartiment ta' l-Artijiet minħabba li d-Dipartiment għad m'għandux *policy* dwar it-traferiment ta' l-art pubblika lill-Kunsilli.

- Kif jista' Kunsill jaċċetta li tittieħed azzjoni legali minn xi dipartiment jew awtorità kontra residenti li, motivati b'sens ċiviku jieħdu ħsieb xi roqgħa ħamrija jew *traffic island* li tkun ilha żdingata s-snin; u meta l-awtorità nvoluta ma tkunx qed taġixxi minħabba xi eżerċizzju regolatorju iżda wara xi rapport instigat mill-għira tal-ġirien.

- Filwaqt li l-Kunsilli huma responsabbli mill-manutenzjoni u l-indafa tas-siti pubbliċi fil-lokal tagħhom, m'għandhom l-ebda setgħa jew awtorità fuq min juża l-post għal xi attività u jħammeġ kemm irid.

- Mhux kompatibbli li l-Kunsilli Lokali jibqgħu jintalbu jippreparaw r-rapporti finanzjarji tagħhom fuq is-sistema *cash basis*, sempliċiment għaliex il-gvern ċentrali għadu jżomm dik is-sistema; meta permezz ta' Avviż Legali, il-Kunsilli ġew mitluba jżommu l-accounts tagħhom fuq is-sistema *accrual basis.*

- Ma tistax tibqa' teżisti sitwazzjoni fejn talbiet mill-Kunsilli għal xogħolijiet jew servizzi utilitarji li jkunu jenħtieġu b'urġenza, ma jsirux għaliex ma jkunux fil-prijoritajiet tad-dipartimenti jew korpi statali.

Huwa vitali għalhekk, illi l-kunċett ta' Gvern Lokali ikun verament imsaħħah billi jisru dawk it-tibdiliet kollha meħtieġa sabiex jinħoloq l-ambjent rejali li jagħmilha mhux biss possibbli, iżda wkoll faċli li tabilħaqq isir kordinament u koperazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, dan l-ambjent jista' jinħoloq biss jekk jintlaħqu dawn l-objettivi:

- **Il-kunċetti ta' koperazzjoni u kordinazzjoni jiġu istituzjonalizzati.**

- **jkun hemm definizzjoni aktar ċara u distinta tal-funzjonijiet u r-responabbiltajiet ta' l-organizzazjonijiet statali; kif ukoll dawk ta' gvern lokali**

- **l-awtorità ta' gvern lokali tiġi rikonoxxuta aktar permezz tat-trasferiment ta' aktar poteri <u>flimkien</u> mal-kapaċità ta' risorsi finanzjarji u umani.**

Meta nħarsu lejn l-amministrazzjoni nazzjonali naraw illi kienet nħasset il-ħtieġa li l-gvern ifittex il-koperazzjoni ta' l-imsieħba soċjali kollha u jikkordina flimkien magħhom l-ippjanar ekonomiku tal-pajjiż. Dan il-mudell nistgħu nużawh ukoll fil-qasam ta' GVERN LOKALI.

Għandu għalhekk jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' **Kumitat Konsultattiv** bil-parteċipazzjoni tal-partijiet kollha interessati f'dan il-qasam - Sindki, Kunsillieri u

Amministraturi tal-Kunsilli Lokali; Partiti Politiċi, Ministeri, Korpi Statali u oħrajn. Dan il-Kumitat jista' jservi ta' *forum* ideali fejn titfassal politika komuni dwar Gvern Lokali f'Malta, filwaqt li jsir kordinament aħjar ta' l-ippjanar bl-inqas ħela ta' risorsi u bl-aktar mod effettiv.

Il-Koperazzjoni bejn il-Kunsilli fuq bażi reġjonali għandha tiġi żviluppata aktar, filwaqt li inizjattivi bħal ***Pjan Soċjo-Ekonomiku Għan-Nofsinhar Ta' Malta u Rebirth 2000*** għandhom jiġu sostnuti b'mezzi finanzjarji u tekniċi. Dan għandu jsir mhux biss mill-Gvern, iżda wkoll minn korpi oħra statali, u possibilment mill-privat.

Il-formulazzjoni ta' Pjani Reġjonali mill-Awtorità ta' l-Ippjanar għandhom isiru b'kordinament sħiħ mal-Kunsilli Lokali. Dawn il-Pjani Reġjonali għandhom iservu ta' bażi għat-tfassil tal-*business plans* tad-dipartimenti u korpi statali, sabiex il-prijoritajiet tagħhom rigward il-proġetti u l-istallazzjoni ta' servizzi li jkunu ppjanati għal kull lokalità, jitfasslu skond il-ħtiġijiet tal-Kunsilli Lokali. Barra dan, kull Kunsill għandu jingħata informazzjoni u *data* suffiċċjenti (inklużi pjanti u *surveys*) dwar proġetti u stallazzjoni ta' servizzi li jkunu saru fil-lokalità partikolari.

Filwaqt li għaddejja diskussjoni dwar ħtieġa ta' riformi fl-Awtorità ta' l-Ippjanar, huwa l-mument li nikkunsidraw jekk applikazzjonijiet għal żvilupp ta' natura żgħira għandhomx jiġu pproċessati mill-Kunsilli Lokali. Uffiċċjali tekniċi u professjonali għandhom għalhekk jiġu assenjati mal-Kunsilli Lokali mill-Awtorità. Dawn l-uffiċċjali, barra li jagħtu pariri tekniċi lill-Kunsill, ikunu responabbli flimkien mal-Kunsill, mill-iproċessar ta' l-applikazzjonijiet iż-żgħar fuq linji stabbiliti mill-Awtorità, u skond il-Pjan ta' Struttura jew Pjani Reġjonali.

L-Awtorità ta' l-Ippjanar tibqa' madankollu responsabbli mis-smiegħ ta' l-appelli dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill.

Wieħed bi pjaċir jinnota illi dan il-Gvern qed iżid l-impenn tiegħu lejn it-tisħiħ tal-Gvern Lokali. Diġa' smajna l-assigurazzjoni li kull Ministeru ser jerġa' jkollu *Desk Officer* għall-Kunsilli. Sabiex dan l-uffiċjal ikun tassew effettiv, jenħtieġ li jkun aċċessibbli l-ħin kollu għall-uffiċċjali tal-Kunsill, kif ukoll li jkollu l-awtorità biex jaġixxi. M'għandux ikun sempliċiment parti mill-*Customer Care Unit*, iżda l-*link* diretta bejn il-Kunsill u l-Ministru.

L-Amministrazzjoni preżenti ddikjarat ukoll li ser tkompli bil-proċess tad-devoluzzjoni tal-poter. Nistennew li dan il-proċess jagħti aktar saħħa lill-Kunsilli sabiex verament jaqdu liċ-ċittadin.

B'sodisfazzjon smajna fil-jiem li għaddew, lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Austin Gatt jgħid li l-Gvern qed jieħu l-passi meħtieġa sabiex l-amministrazzjoni ta' art pubblika tgħaddi f'idejn il-Kunsilli. Jidher li t-trasferiment ta' aktar poteri ser iġib miegħu mhux biss responsabbiltajiet iżda wkoll awtorità reali.

Hu obbligu tal-Gvern li jara li din l-awtorità tkun effettiva billi tkun sostnuta bir-risorsi kollha meħtieġa. Għal dan il-għan jenħtieġ ukoll illi mill-aktar fis il-Kunsilli Lokali jkollhom il-Gwardjani Lokali sabiex isaħħu l-awtorità tagħhom fil-lokal. Madankollu xorta jibqa' l-bżonn tal-koperazzjoni u l-kordinament tal-Pulizija sabiex is-servizz tal-Gwardjani Lokali jirnexxi tabilħaqq.

La darba ċerti poteri ser jiġu trasferiti mingħand dipartimenti governattivi, m'għandux ikun diffiċli li jinstabu r-risorsi li jgħinu lill-Kunsilli jaqdu l-funzjonijiet tagħhom. Hawn, wieħed għandu jikkonsidra li aktar ħaddiema jiġu assenjati mal-Kunsilli.

Nagħlaq billi nistqarr illi fl-aħħar mill-aħħar, il-Kunsill Lokali ser jibqagħlu r-rwol li jservi ta' *facilitator* għas-servizzi l-oħra kollha li ċ-ċittadin jistenna mingħand id-dipartimenti u l-korpi statali. Jenħtieġ għalhekk li l-Gvern jinvesti aktar fil-Kunsilli Lokali, speċjalment fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika; sabiex ikun hemm aċċess akbar għall-informazzjoni. Hekk, iċ-ċittadin isib bażi lokali li sservieh ta' *one stop service.*

Għaldaqstant naraw li aktar ma jevolvi l-kunċett ta' Gvern Lokali f'Malta, tinħass akbar il-ħtieġa tal-Kunsilli Lokali għal kordinament u koperazzjoni mal-Ministeri, Dipartiment u Korpi Statali.

**FREDERICK CUTAJAR**

**Sindku,**

**Santa Luċija**